IL-MEWT TA’ SAN GUZEPP – GIUSEPPE MARIA CRESPI (CA 1712)



Wara l-Konciklju ta' Trento (1545 – 1563) il-knisja dahlet f'perjodu li l-istorici jsejhulu l-Kontro Riforma. Filwaqt li l-Kalvinisti kienu qed inehhu l-arti pubblika, anke l-arti religjuza, mill-kommunitajiet taghhom, il-Knisja Kattolika kompliet theggeg u tippromwovi l-arti b'harsa dejjem tikber lejn il-kontenut taghha.

L-artisti kbar ta' l-Ewropa ta' zmien ir-Rinaxximent spiss kienu jalternaw ix-xoghlijiet taghhom bejn suggetti Klassici u Ekklezjastici.

Il-Knisja hegget attenzjoni gdida fuq xoghlijiet iccentrati fuq tradizzjonijiet, sagramenti u qaddisin Kattolici.

F'dan iz-zmien, il-qima dejjem tikber lejn San Guzepp tigi fuq quddiem u titqieghed attenzjoni gdida fuq l-patrocinju tieghu ta' Mewta Tajba.

Il-qofol ta' dan is-suggett jista wiehed jarah fir-rapprezentazzjoni ta' Giuseppe Maria Crispi –San Guzepp. Il-pittura mahduma taht il-patrocinju tal-Kardinal ta' Bolonja, turi li San Guzepp, anzjan qieghed imut go dar fqira u mudlama. Il-virga tieghu jew bastun jinsab f'riglejh u l-ghodda tal-mastrudaxxa tieghu huma mwarrba filwaqt li Marija

qed tikbi. Dan kollu juri li mal-mewta irridu jew ma rridux ikollna ninfatmu mill-hwejjeg ta' din id-dinja. Guzeppi r-ragel devot u haddiem habrieki ma juri ebda thassib ghat-telfa ta' dawn l-oggetti.

L-uniku attenzjoni tieghu huwa wicc Kristu zaghzugh li joffrilu barka u serenita'. Il-moghdija pacifika ta' San Guzepp minn din il-hajja ghall-hajja l-ohra hija ezempju ghall-dawk kollha li jixtiequ li jaghmlu mewta tajba mfarrga mill-presenza ta' Gesu' Marija u Guzeppi.

# SAN GUZEPP U T-TFAJJEL GESU'



Dan il-kwadru ta’ San Guzepp bil-Bambin Gesu’ huwa xoghol ta’ l-artist Taljan Guido Reni, pittur ta’ zmien il-barokk.

Il-pittur juri lil Guzeppi jzomm lit-tfajjel Gesu’  minn tulha fuq idejh. Il-missier u t-tifel qed iharsu lejn xulxin, bid-dawl li hiereg mit-tarbija jdawwal wicc Guzeppi li mhabbtu tassorbiha u tirrifletiha lura. Certament hawn tidher l-adorazzjoni; meta Guzeppi jitfa’ harstu fuq it-tarbija Gesu’, l-adorazzjoni tintilef f’imhabba tenera. Forsi l-harsa tieghu mhux dik ta’ missier mitluf f’estasi ta’ imhabba lejn ibnu? Qed jiggosta lit-tarbija li turi ferh u kuntentizza u thossha sigura fl-abbracc ta’ Guzeppi.

It-tarbija Gesu’ tidher qed izzom tuffieha minghajr ma thares lejha ghaliex hsiebha huwa mitluf f’Guzeppi. Ghalkemm it-tuffieha hija simbolu li l-waqa’ tal-bniedem issa hija xi haga tal-passat, il-frotta f’idejn Gesu’ tirraprezenta il-weghda tal-fidwa.

Biex Reni jenfasizza ir-realta ta’ Gesu’ bhala bniedem, jipprezentah bhala tarbija mbaccna, li hija stampa reali ta’ tarbija b’sahhitha u fuq taghha. It-tarbija li Guzeppi qed ibennen f’idu turi hajja u energija. Ma hux tarbija rieqda serenament, izda

tarbija herqana li trid tilhaq id-dinja. Il-mod ta' kif Guzeppi qed izomm lit-tarbija Gesu' tissugerixxi li huwa qed joffrilna li ahna nzommuh ukoll fil-qalb taghna.

Jekk wiehed huwa attent bizzejjed jinduna li l-harsa ta' San Guzepp tiltaqa' ma' dik tat-tarbija Gesu'; tfakkarna li ahna jum wiehed harsitna ghad tiltaqa' ma' dik ta' Gesu', harsa li tista' tkun ta' ferh li biha jilqghana ghall-premju etern jew harsa ta' qilla li biha jkeccina minn quddiemu.

NITOLBU LI SAN GUZEPPI, LI ISMU JGIB TERRUR LID-DEMONJI, BIEX JIEQAF MAGHNA, JGHINA U FL-AGUNIJA TAGHNA, JRESSAQNA LEJN GESU' BIEX B'HARSA TA' FERH JDAHHALNA FIL-FERH TA' DEJJEM